# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 21/2025**

Data: L-Erbgħa 14 ta' Mejju 2025

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Charles Bonello (17:35hrs) | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Sur Izak Catania De Giovanni (17:48hrs) | Kunsillier |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Skużat/i: | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Assenti: | | |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

21.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

21.2 MINUTI

21.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

21.4 KORRISPONDENZA

21.5 PLANNING AUTHORITY

21.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

21.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

21.8 MISTOQSIJIET

21.9 MOZZJONIJIET

21.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

21.11 FINANZI

21.12 TRAFFIC MANAGEMENT

21.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

21.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

21.15 STAFF

21.16 PURCHASE REQUEST FORM

21.17 ĦLASIJIET

21.18 AĠĠORNAMENT

---

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 21.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**21.1.1** Kien hemm żewġ talbiet ta' apoloġija mingħand il-Kuns R Deguara, u mingħand il-Kuns A Tanti. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

## 21.2 MINUTI

**21.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7157/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti ta' laqgħa 19/2025 bid-data 16 ta' April 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet b'4 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Ellul, Kuns M Lombardo, Kuns J Scicluna

Astenzjoni – Il-Viċi Sindku

**21.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7158/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti ta' laqgħa b'urġenza 20/2025 bid-data 25 ta' April 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet b'4 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Ellul, Kuns M Lombardo, Kuns J Scicluna

Astenzjoni – Il-Viċi Sindku

## 21.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**21.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 21.4 KORRISPONDENZA

**21.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta korrispondenza rigward il-pellegrinaġġ bir-roti u l-muturi li jsir ta' kull sena bħala parti mill-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, u li qed tintalab 'no objection' minn naħa tal-Kunsill Lokali sabiex ikunu jistgħu japplikaw għall-permessi tal-pulizija. Il-Kunsill approva.

**21.4.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7159/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni annessa tal-Kummissjoni Festa Esterna għar-riklam tal-festa għas-somma ta' mhux aktar minn €300.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**21.4.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7160/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni annessa ta' €1,200 tal-Kummissjoni Festa Esterna għall-festa tat-tfal li ssir flimkien ma' l-iskola Primarja A u B.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**21.4.4** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta korrispondenza minn TCTC sabiex il-Kunsill japplika għal xi korsijiet fosthom 3D printing, però qal li l-prezz huwa ta' €15,000 u l-Kunsill m'għandux minn fejn iħallas dan l-ammont. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsir appuntament magħhom u din terġa tiġi diskussa aktar 'il quddiem.

**21.4.5** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand residenta li toqgħod Triq il-Liedna fejn qalet li għaddew xi trakkijiet u għamlulha ħsara fil-gallarija, u għaldaqstant qed titlob li jsiru l-bollards fuq il-bankina. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li jiġi ċċekkjat jekk hemmx qies ta 1.5 metri kif stabbilixxit bil-liġi.

**21.4.6** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza ta' stedina għal konferenza bl-isem ta' 'Ninvestu fis-saħħa mentali u f'xulxin' mid-dekasteru tal-Anzjanità Attiva li ser issir fil-15 ta' Mejju 2025, fejn il-Kuns R Deguara aċċetta li jattendi minħabba li kemm is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser ikunu jinsabu ndisposti.

## 21.5 PLANNING AUTHORITY

**21.5.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 21.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**21.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li tħabbret it-tnedija tal-iskema 'Għajnuna fil-Komunità', fejn hemm il-fondi mill programm 'LEADER' tal-'Unjoni Ewropea'. Is-Sindku qal li minn din l-iskema ser jibbenifikaw ukoll lokalitajiet urbani u mhux

dawk tal-Kottonera biss. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill ser ikun qiegħed japplika għall-fondi tal-'LEADER'. Il-Kunsill approva.

**21.6.2** Is-Sindku nforma l-kamra li ħareġ il-kors tal-'First Aid' mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ser ikun qed japplika għal waħda mill-ħaddiema klerikali tal-Kunsill sabiex tattendi. Is-Sindku qal li dan il-kors, li huwa maqsum fuq erbà t'ijiem, huwa bla ħlas għal persuna waħda minn kull Kunsill. Il-Kuns J. Scicluna qalet li hija tixtieq tattendi għal dan il-kors u għaldaqstant applikat għalih.

Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7161/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova budget ta' mitt ewro biex il-Kunsilliera Josianne Scicluna tkun tistà tattendi il-kors tal-First Aid.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 21.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**21.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li qed ikun hemm numru sostanzjali ta' abbużi ta' rimi illegali u jixtieq iħejji kampanja ta' edukazzjoni għaliex meta jkun hemm ħafna ilmenti fuq il-media soċjali, dawn jaqgħu fuq il-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li nħarġet l-idea sabiex issiru tabelli li jkunu f'forma ta' kwestonarju, u għaldaqstant qassam kopja tad-dissin ta' dawn it-tabelli lill-membri tal-Kunsill. Huwa żied jgħid li ser isiru għaxar tabelli u jitwaħħlu fejn hemm l-aktar abbużi. Il-Kuns C Bonello qal li li fuq it-tabelli għandu jitniżżel kemm hija l-penali għal min jinqabad jabbuża.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7162/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova għaxar tabelli dwar l-għarfien fuq rimi llegali hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**21.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li ngabru l-kwotazzjonijiet għall-assigurazzjoni tal-vann elettriku Berlingo tal-Kunsill li jwassal ir-residenti, fejn l-irħas waħda kienet tal-Elmo bil-prezz ta' €1632.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7163/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irhas kwotazzjoni annessa għall-assigurazzjoni tal-vann elettriku Berlingo.'

Din kienet sekondata mill-Kuns J Scicluna.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**21.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li minħabba li l-festa tinsab fil-qrib, bħal kull sena l-Kunsill ġabar il-kwotazzjoniet għall-ħasil tal-ħġieġ tal-faċċata fejn l-irħas waħda kienet ta' €436.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7164/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa għall-ħasil tal-ħġieġ tal-binja tal-Kunsill.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**21.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill ġabar il-kwotazzjonijiet għal servizz ta' 'security' fiż-żona tal-bandli u l-latrina.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7165/25/9** 'Sabiex bejn il-1 ta' Lulju 2025 u l-aħħar ta' Settembru 2025 jerġa jingħata s-servizz ta' security fiż-żona tal-bandli u l-latrina mis-19:00 sal-23:00 skont l-irħas kwotazzjoni annessa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns C Bonello ħareġ mill-kamra fis-18:00.

**21.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill ġabar lura €2164 mill-iskema tal-Wardens u l-Pulizija u għal dan irringrazzja lir-Reġjun.

**21.7.6** Is-Sindku nforma l-kamra li fl-aħħar laqgħa ġie diskuss il-'Financial Statement' u ser jitkompla x-xogħol fuq il-'Management Letter' minn naħa tal-'accountant'.

**21.7.7** Is-Sindku nforma l-kamra, li l-Kuns R Deguara werà x-xewqa li jirriżenja mill-bord tat-Tenders u għaldaqstant issottometta r-riżenja tiegħu minn dan il-bord. Is-Sindku qal li ser jiġi deċiż min ser jinħatar minflok il-Kuns R Deguara.

**21.7.8** Is-Sindku nforma l-kamra, li wasal biex jiskadi l-kuntratt tal-latrina fl-aħħar ta' Ġunju, u għaldaqstant talab biex jiġi diskuss jekk hux ser jinġabru l-kwotazzjonijiet jew jekk hux ser jinfetaħ tender. Hawn qamet diskussjoni bejn is-Sindku u l-Viċi Sindku, fejn il-Viċi Sindku qal li ma hemmx prinċipju kif jinxtraw l-affarijiet. Is-Sindku wieġeb li għall-oġġetti li qed jirreferi għalihom il-Viċi Sindku,

jinġabru l-kwotazzjonijiet mill-amministrazzjoni. Il-każ tal-latrina huwa servizz, u għaldaqstant is-Sindku fetaħ id-diskussjoni fuq il-mejda. Hawn reġgħet qamet diskussjoni bejn is-Sindku u l-Viċi Sindku. Wara dan, il-Viċi Sindku qam minn mal-mejda.

Il-Viċi Sindku ħareġ mill-kamra fis-18:07.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil li jsir avviż fuq il-gazzetta u riklam fuq il-midja soċjali.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7166/25/9** 'Dan il-Kunsill qiegħed jipproponi sabiex tinħareg sejha għall-offerti sabiex tinfetaħ u titnaddaf il-latrina. Dan għal spiża li ma taqbiżx il-€500. Din is-sejħa ser tiġi ppubblikata fuq is-sit soċjali tal-Kunsill Lokali u fuq il-gazzetta tal-Gvern.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjonijiet għaddiet nem con.

**21.7.9** Is-Sindku nforma l-kamra li fi Triq is-Summiena kienu ser isiru xi xogħolijiet, fejn kienet ser tiġi estiża binja, fejn kien hemm residenta li talbet biex tinqala bozza u ttieħdet prekawzjoni minn naħa tal-Kunsill billi ntalab biex meta tinqala il-bozza din terġa titwaħħal mal-faċċata tagħha. Is-Sindku qara il-korrespondenza tar-residenta annessa bħala 'Dok A'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7167/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jerġa jwaħħal il-bozza mal-faċċata no 19 fi Triq is-Summiena hekk kif kien maqbul ma' sid il-post.'

Dien kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 21.8 MISTOQSIJIET

**21.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 21.9 MOZZJONIJIET

**21.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 21.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**21.10.1** Is-Sindku nforma l-kamra li fir-rigward tat-tenders il-proċess wasal fl-aħħar fejn l-'adjudications' lesti kollha, u li baqa huwa minn naħa tat-'tenderer' biex jagħlaqhom u jitħabbar min ser jieħu t-tenders. Is-Sindku qal li t-tenders huma tas-'soft areas' u tal-knis, u qal ukoll li minn naħa tal-bord huwa kollox lest.

## 21.11 FINANZI

**21.11.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 21.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**21.12.1** Is-Sindku nforma l-kamra li fi Triq il-Bieb hemm il-ħaxix li qiegħed dejjem jikber fuq il-bankina tan-naħa tal-għalqa, li ma tintuża minn ħadd. Is-Sindku qal li qed tiġi esplorata il-possibiltà, li l-Kunsill jitkellem mal-'Public Works Department' sabiex il-bankina titbaxxa u tiġi eliminata. Is-Sindku kompla jgħid li jekk dan jistà jsir, ikun hemm biżżejjed spazju sabiex il-parkeġġi ikunu jistgħu jsiru 'fish bone' u b'hekk ikunu qed jiżdiedu l-ispazji tal-parkeġġi. Is-Sindku sostna li dan jista jsir bil-kunsens tal-perit u bl-approvazzjoni ta' Transport Malta.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7168/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jibda l-process ma' T.M. biex tigi eliminata l-bankina ta' Triq il-Bieb u jsiru l-parking fish bone, waqt li jitneħħew il-parkings tan-naħa tar-residenti.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet b'4 voti favur u vot kontra.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Ellul, Kuns M Lombardo, Kuns I Catania De Giovanni

Kontra – Kuns J Scicluna

**21.12.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva talba għal 'unloading bay' oħra fi Triq l-Għasfur tal-Bejt.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7169/25/9** 'Dan il-Kunsill ma japprovax it-talba biex issir unloading bay skond it-talba annessa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet b'4 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Ellul, Kuns M Lombardo, Kuns I Catania De Giovanni

Astenzjoni – Kuns J Scicluna

## 21.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**21.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li għaddejjin ix-xogħolijiet, fejn ix-xogħol miexi sew u nbidlu is-servizzi tad-dranaġġ kollu mill-'main road' sal-kantuniera tal-iskola. Is-Sindku qal li s-servizzi tal-ilma nbidlu wkoll u bdew isiru l-bankini tal-iskola, fejn ser isiru wkoll il-bankini tan-naħa tar-residenti.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil li Triq is-Sur titneħħa t-tabella ta' 'except residents only' u Triq Titu Brandsma ssir 'one way' bil-kontra, temporanjament sakemm isiru x-xogħolijiet.

## 21.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**21.14.1** Is-Sindku stieden il-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li kellha attività li kienet approvata u pjanata, u li ġiet imħassra minħabba li fl-istess ġurnata kellu jsir il-funeral tal-Papa. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li għaldaqstant qed titlob biex din l-attività ssir fit- 23 ta' Mejju jew f'xi ġurnata oħra, fejn is-sala tal-Kunsill ma tkunx okkupata.

**21.14.2** Il-Kuns J Scicluna qalet li kellha l-attività ta' Jum l-Omm fejn kien hemm 3 mistednin nisà li jaħdmu f'oqsma differenti tax-xogħol u li tkellmu kemm rigward Jum l-Omm u anke rigward Jum il-Ħaddiem.

**21.14.3** Is-Sindku stieden il-Kuns I Catania De Giovanni sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li qed jaħdem fuq il-kors tat-'3D Printing' u kien hemm qbil li dan l-aħjar isir fis-sajf, minnħabba li jkun żmien aħjar għat-tfal.

**21.14.4** Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li qed jaħdem fuq is-Sotto Kumitat taż-żgħażagħ, fejn saru diversi laqgħat preparatorji biex jitfasslu l-għanijiet u l-viżjoni tas-Sotto Kumitat. Il-Kuns I Catania

De Giovanni qal ukoll li ġie propost qafas ta' struttura orgaizzativa, inkluż irwoli ewlenin li huma 'Chairperson', Segretarju u membri żgħażagħ, fejn il-membri tas-Sotto Kumitat ser jiġu magħżulin minn għaqdiet differenti. Huwa kompla jgħid li bdew jiġu identifikati żgħażagħ li huma nteressati biex jagħtu s-sehem tagħhom bil-ħsieb li jiġi ffurmat tim inklussiv u dinamiku. Il-Kuns I Catania De Giovanni żied jgħid li tnediet konsultazzjoni nformali ma' gruppi ta' żgħażagħ mill-lokal, biex jinġabru ideat rigward x'tip ta' inizjattivi jixtiequ jaraw fil-lokalità. Huwa qal li s-suġġerimenti riċevuti ġew dokumentati u ser ikunu qed jiffurmaw parti mill-pjan ta' ħidma tas-Sotto Kumitat.

## 21.15 STAFF

**21.15.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7170/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqà t-talba ta' dawn 2 studenti biex jagħmlu 20 siegha work placement fi ħdan il-Kunsill Lokali Fgura. L-ismijiet tal-istudenti jinsabu annessi.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Is-Sindku talab sabiex tiġi sospiża l-lagħqa fis-18:37 minħabba protezzjoni tad-data.

Wara diskussjoni, is-Sindku reġà talab biex titkompla l-laqgħa fis-18:43.

**21.15.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7171/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova allowance ta' €500 għas-Sa Ruth Simmonds u għas-Sa Susan Tedesco għall-ħinijiet extra li jagħmlu bejn Jannar u Ġunju 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**21.15.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7172/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova li ħaddiem tad-District Operations jingħata ħlas ta' €150 fix-xahar għax-xogħol extra ta' supervisor.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 21.16 PURCHASE REQUEST FORM

**21.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7173/25/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Mejju 2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 21.17 ĦLASIJIET

**21.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7174/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-lista tal-ħlasijiet minn 09/04/2025 sa 07/05/2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 21.18 AĠĠORNAMENT

**21.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-18:47 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Ġunju, 2025 fil-17:30hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data: 14 ta' Mejju, 2025

'Dok A'

Gm.
Jiena maria noqod triq is summiena. Ghandi bozza tql gvern mal faccata u niztieq li tinqala ghax hq nibni u namlu facata gdida. Jekk johbok tistaw taqlawili imbad kif nilesti nergaw inwahliwa mhux problema. Grazzi

Sent from Outlook for Android

Teħel f'posta. 22.

**Pace Zvetlana at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Sent:** | Friday, 13 January 2023 15:43 |
| **To:** | maria scicluna |
| **Cc:** | Dalli Pierre at Heritage Malta; Ray Deguara; Clayton Cascun Portelli; Cassar Ritianne at Fgura Local Council; Abela Eugenio at Fgura Local Council; Pace Zvetlana at Fgura Local Council |
| **Subject:** | RE: Bozza |

Ghaziza Ms. Maria Scicluna,

Il Wara nofs inhar it tajjeb.
Nispera li dan l-email issibek tajba.

Nixtiequ ninfurmawk li r-rikjesta tieghek giet milquha.

Sabiex il-Kunsill jiprocedi biex xoghol, inti gentilment mitluba biex tibghatilna r-ritratti tal-faccatta inkluz il-bozza rispettiva.

La darba nircievu r-ritratti mehtiega w il-konferma minn ghandek, tinqala il bozza b'mod temporanju sakemm issir ix-xoghol mehtieg fuq il-faccatta tar-residenza tieghek.

Importanti hafna li kif jitlesta x-xoghol minn naha taghkom, ghandek l-obligu biex tinfurmana imedjatament sabiex minn naha taghna nergaw inwahhlu l-bozza mill gdid f'postha mal-hajt.

Naprezzaw il-koperazzjoni tieghek.

Grazzi,

Tislijiet,

Zvetlana Pace

Gh/Ritianne Bonnici
Deputy executive secretary
FGURA LOCAL COUNCIL

t +356 21664000 e fgura.lc@gov.mt

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

**From:** maria scicluna <mariasciclunaswieqi@hotmail.com>
**Sent:** Friday, January 13, 2023 10:34 AM
**To:** Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>
**Subject:** Bozza

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.